# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 21 ta’ Marzu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**
**vs**
**Carmel Baldacchino**

**Kumpilazzjoni Numru: 690/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmel Baldacchino ta’ 53 sena, bin Salvatore Baldacchino u Carmela nee’ Borg, imwieled Pieta’ fid-09 ta’ Mejju 1968, residenti 28 La Favorita Triq Patri Indri Schembri Luqa u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 0211868M.

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer u/jew f’22, Kewkba ta’ Filghodu, Triq l-Gheriebel, Msida f’xi hinijiet nhar l-14 ta’ Ottubru 2021 u l-15 ta’ Ottubru 2021:-

Ikkaguna lill-missieru u cioe’ Giuseppe Baldacchino li ghandu l-eta’ ta’ 81 sena, biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta’ tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tieghu, liema reat twettaq ripetutament.

Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Datsun Sunny bin-numru

ta’ registrazzjoni AAA747, liema hsara tammonta ghal anqas minn 250 Ewro ghad-danni ta’ missieru u cioe’ Giuseppe Baldacchino.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ l-allegata vittma.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sbiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghti zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali inkluz il-Pre Sentencing Report redatt mill-ufficjal tal-probation nominata ghal dan il-ghan.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

Ili bla dubbju r-reati li bihom qed jigi addebietat l-imputat huma reati gravi. Mandanakolu jidher li l-agir ta’l-imputat huwa konsegwenza ta’ esperjenzi u trawmi, f’kuntest familjari, li ghex l-istess imputat fil-passat u baqa’ jgorr mieghu. Jidher li l-familja Baldacchino ilha snin tesperjenza problemi u dan mhux biss bejn l-imputat u missieru imma anke bejn il-genituri ta’l-imputat. L-ufficjal tal-probation fil-fatt irrakkomandat li l-imputat jitpogga taht

ordni ta' probation u  jinghata ordni ta' trattament sabiex ikun jista jiehu trattament psikolgiku b'mod li jkun jista' jissupera t-trawmi li ghadda minnhom u jigu evitati episodji simili fil-futur.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzoni ukoll il-fedina penali ta'l-imputat li hija kwazi netta; is-sentenzi mghotija fil-konfront ta'l-imputat (wahda minnhom ghal reat ta' natura kontravvenzjonali) jirrisalu ghal aktar minn ghoxrin sena ilu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni ta'l-imputat f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija lesta li tilqa' ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-ufficjal tal-probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 251B, 251H(a)(b), 251HA, 208AC(d)(e), 222, 202 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta 'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' (2) sentenjn** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 382A u 412C ta' l-istess Kapitolu 9 sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmi Giuseppe Baldacchino qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta Trazzin ghal perjodu ta' sentejn (2)** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Trattament ghal perjodu ta' sentejn (2)** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss, u jekk ma joqghodx ghall-htigijiet ta'l-Ordni ta' Probation,  ta'l-Ordni ta' Trazzin u ta' l-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Porbation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**